**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 56/10VG**

**Robert Cortis**

**Vs**

**Dr. George Peplow proprio u ghan-nom tal-kumpanija CE.FI.T Malta Limited**

**Illum 15 ta' Ottubru 2018**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Robert Cortis fit-23 ta' Frar 2010, permezz ta' liema jitlob li Dr. George Peplow proprio u ghan-nom tal-kumpanija CE.FI.T Malta Limited jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' disat elef mitejn tlieta u tmenin Euro u ghaxar centezmi (€9,283.10), dovuta in kwantu ghas-somma ta' tmien telef seba' mija disgha u sittin Euro u tmenin centezmu (€8,769.80) minn Dr. George Peplow personalment u in kwantu ghas-somma ta' hames mija u tlettax-il Euro u tletin centezmu (€513.30) dovuta mis-socjetà CE.FI.T Malta Limited, rapprezentanti servizzi minnu prestati lilhom skond struzzjonijiet lilu minnhom moghtija, bl-imghax legali dekoribbli skond il-Ligi sad-data ta' l-effettiv pagament, u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra giudizzjarja datata 23 ta' Dicembru 2009, kontra Dr. George Peplow propio u ghan-nom tal-kumpanija CE.FI.T Malta Limited;

Rat ir-Risposta tal-konvenut Dr. George Peplow permezz ta' liema jeccepixxi li t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u per konsegwenza ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-attur, stante li: (i) in linea preliminari, in-nullità ta' l-atti odjerni in kwantu l-kawza giet pprezentata permezz ta' Avviz minflok b'Rikors kif mehtieg mill-Artikolu 125(2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta); (ii) huwa ma huwiex ir-rapprezentant giudizzjarju tas-socjetà CE.FI.T Malta Limited u ghalhekk huwa ma jistax jidher f'isem l-imsemmija socjetà f'dawn il-proceduri; (iii) la hu u lanqas is-socjetà CE.FI.T Malta Limited ma ghandhom jaghtu xejn lill-attur; u (iv) l-ammont rikjest mill-attur huwa ezagerat u b'hekk qed jigi kkontestat;

Rat in-Nota pprezentata mill-konvenut Dr. George Peplow fis-26 ta' Marzu 2010[1] permezz ta' liema ppremetta li gie notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri f'isem is-socjetà CE.FI.T Malta Limited izda huwa ma huwiex ir-rapprezentant giudizzjarju ta' l-imsemmija socjetà u ghalhekk in-notifika tas-socjetà CE.FI.T Malta Limited in kwantu esegwita lilu ma hijiex valida fil-Ligi u konsegwentement irritorna l-atti notifikati lilu f'isem CE.FI.T Malta Limited;

Rat li s-socjetà CE.FI.T Malta Limited giet notifikata bir-Rikors promotur permezz tal-procedura ta' l-affissjoni u pubblikazzjoni;

Rat ir-Risposta tas-socjetà konvenuta CE.FI.T Malta Limited permezz ta' liema teccepixxi li t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-attur, stante li: (i) hija ma ghandha taghti xejn lill-attur; u (ii) l-ammont rikjest mill-attur huwa ezagerat u b'hekk qed jigi kontestat;

Rat l-affidavit ta' l-attur u d-dokumenti annessi mieghu esebiti mill-attur permezz ta' Nota pprezentata fis-7 ta' Frar 2011 a fol. 25 sa' 46 tal-process, semghet ix-xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduta tat-30 ta' Mejju 2011[2] u rat id-dokumenti markati Dok. "RC1" u Dok. "RC2" a fol. 51 u 52 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Christian Borg in rapprezentanza ta' l-Employment and Training Corporation moghtija waqt is-seduti tal-31 ta' Ottubru 2011[3] u tat-23 ta' April 2012[4] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "GV1" a fol. 65 tal-process u Dok. "CB" a fol. 86 u 87 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Dr. Alan Deidun moghtija waqt is-seduta tal-31 ta' Ottubru 2011[5], rat l-affidavit tal-konvenut Dr. George Peplow u d-dokumenti annessi mieghu esebiti mill-konvenuti permezz ta' Nota pprezentata fl-14 ta' Mejju 2012 a fol. 89 sa' 112 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Paul Camilleri moghtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Lulju 2012[6] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "PC1" u Dok. "PC2" a fol. 119 sa' 126 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Derek Broadley moghtija waqt is-seduti ta' l-4 ta' Lulju 2012[7] u tat-3 ta' Gunju 2013[8], rat l-affidavit ta' Peter Diacono u d-dokument anness mieghu esebiti mill-konvenuti permezz ta' Nota pprezentata fis-16 ta' Ottubru 2012 a fol. 139 sa' 141 tal-process, semghet ix-xhieda tal-konvenut Dr. George Peplow moghtija waqt is-seduti tat-3 ta' Gunju 2013[9] u tas-7 ta' Ottubru 2013[10] u semghet ix-xhieda ta' Peter Diacono moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Jannar 2014[11];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-attur a fol.177 sa' 186 tal-process u rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenuti a fol. 189 sa' 196 tal-process;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

---

[1] Fol. 11 tal-process.
[2] Fol. 53 sa' 58 tal-process.
[3] Fol. 66 tal-process.
[4] Fol. 88 tal-process.
[5] Fol. 67 sa' 77 tal-process.
[6] Fol. 127 sa' 131 tal-process.
[7] Fol. 132 sa' 137 tal-process.
[8] Fol. 148 sa' 152 tal-process.
[9] Fol. 153 sa' 160 tal-process.
[10] Fol. 162 sa' 167 tal-process.
[11] Fol. 171 sa' 174 tal-process.

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li l-konvenut Dr. George Peplow f'ismu proprio u ghan-nom tas-socjetà CE.FI.T Malta Limited jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' €9,283.10, dovuta in kwantu ghas-somma ta' €8,769.80 minn Dr. George Peplow personalment u in kwantu ghas-somma ta' €513.30 dovuta mis-socjetà CE.FI.T Malta Limited, rapprezentanti servizzi minnu prestati lilhom skond struzzjonijiet lilu minnhom moghtija.

Il-konvenut Dr. George Peplow jeccepixxi li t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda stante li: (i) in linea preliminari, in-nullità ta' l-atti odjerni in kwantu il-kawza giet ipprezentata permezz ta' Avviz minflok b'Rikors kif mehtieg mill-Artikolu 125(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) huwa ma huwiex ir-rapprezentant giudizzjarju tas-socjetà CE.FI.T Malta Limited u ghalhekk huwa ma jistax jidher f'isem l-imsemmija socjetà f'dawn il-proceduri; (iii) la hu u lanqas is-socjetà CE.FI.T Malta Limited ma ghandhom jaghtu xejn lill-attur; u (iv) l-ammont rikjest mill-attur huwa ezagerat u b'hekk qed jigi kkontestat.

Wara li l-konvenut Dr. George Peplow irritorna l-atti notifikati lilu f'isem is-socjetà CE.FI.T Malta Limited, l-istess imsemmija socjetà giet notifikata bir-Rikors promotur bil-procedura ta' l-affissjoni u pubblikazzjoni u hija teccepixxi li t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda stante li: (i) hija ma ghandha taghti xejn lill-attur; u (ii) l-ammont rikjest mill-attur huwa ezagerat u b'hekk qed jigi kontestat.

Fil-fehma tal-Qorti ladarba s-socjetà CE.FI.T Malta Limited giet debitament notifikata wara li l-konvenut Dr. George Peplow irritorna l-atti notifikati lilu f'isimha u din l-istess socjetà ikkontestat it-talba attrici, it-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut Dr. George Peplow giet sorvolata u b'hekk ma hemmx il-htiega li l-Qorti tikkunsidraha ulterjorment u ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Qabel ma t-talba attrici tigi trattata fil-mertu, il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tigi trattata l-ewwel l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut Dr. George Peplow u cioè l-eccezzjoni li l-proceduri odjerni huma nulli in kwantu il-kawza giet ipprezentata permezz ta' Avviz minflok b'Rikors kif mehtieg mill-Artikolu 125(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Min-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenuti jirrizulta li din l-eccezzjoni hija msejsa fuq l-Artikolu 789 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi illi: *(1) L-eccezzjoni ta' nullità ta' l-atti gudizzjarji tista' tinghata: (a) jekk in-nullità hija ddikjarata mill-Ligi espressament; (b) jekk l-att jinhareg minn qorti mhux kompetenti; (c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mill-Ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullità, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort'ohra hlief billi l-att jigi annullat; (d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament mehtiega mill-Ligi: Izda dik l-eccezzjoni ta' nullità kif mahsub fil-paragrafi (a), (c) u (d) ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew*

*taht kull disposizzjoni ohra tal-Ligi. (2) L-eccezzjoni ta' nullità ta' att, taht is-subartikolu (1)(c), ma tistax tinghata meta l-parti li taghtiha tkun baqghet taghmel jew, ghad li tkun taf biha, tkun halliet li jibqghu jsiru atti ohra wara, minghajr ma teccepixxi dik in-nullità,* **u** fuq l-Artikolu 125(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi: *fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza taghha inferjuri, jitmexxa b'rikors*.

A bazi ta' dawn il-provvedimenti tal-Ligi gie sottomess li *mis-surreferit jirrizulta bl-akbar mod car li n-nullità hija wahda li tirrigwarda proprju partikolarità essenzjali ta' l-att tant illi l-att fih innifsu - u cioè l-avviz - mhuwiex aktar dak idoneju sabiex permezz tieghu tigi intavolata kawza quddiem dina l-Onorabbli Qorti. Ma jidhirx li l-atturi ghamlu xi tentattiv sabiex jissanaw din in-nullità filwaqt li l-esponenti ressqu minnufih l-eccezzjoni taghhom f'dan ir-rigward skond il-Ligi. Illi in kwantu tali zball jista' jigi kkunsidrat bhala zball ta' natura formali, l-esponenti jikkontendu illi tali zaball jista' jirreka pregudizzju gravi lilhom proprju in vista ta' dak li jinsab provdut taht l-art. 98 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u cioè li: "L-atti giudizzjarji maghmulin bis-sahha ta' att null jew li gejjin minn att li huwa null, huma wkoll nulli." Dan ifisser li, minghajr pregudizzju ghal dak li ser isegwi, gjaladarba din in-nullità tigi injorata jew michuda u kwindi tinghata sentenza fil-mertu tali sentenza tkun tista' tigi validament impunjata bhala wahda li hija wkoll nulla a tenur ta' l-artikolu surreferit u dan in kwantu tali sentenza tkun giet determinata "bis-sahha ta' att null". Ghaldaqstant huwa fl-ahjar interess tal-gustizzja u in linea mad-disposizzjonijiet surreferiti illi din in-nullità tigi minnufih determinata bhala tali permezz tad-decizjoni opportuna li tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari mressqa mill-esponenti. Huwa wkoll sinjifikanti l-fatt li f'dan ir-rigward l-atturi ma ressqu l-ebda sottomissjonijiet bhallikieku taht il-pretiza li din l-eccezzjoni tigi b'xi mod injorata jew awtomatikament sorvolata anke fin-nuqqas da parti taghhom li jindirizzaw tali nuqqas*[12].

Fil-fehma tal-Qorti s-sottomissjonijiet tal-konvenuti in sostenn ta' l-eccezzjoni tan-nullità sollevata mill-konvenut Dr. George Peplow huma guridikament zbaljati u per konsegwenza insostenibbli.

Ghalkemm l-Artikolu 125(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza taghha inferjuri, jitmexxa b'rikors,* dan l-Artikolu tal-Ligi jrid jinqara flimkien ma' l-Artikolu 171(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu jipprovdi - u dana anke fiz-zmien meta gew istitwiti l-proceduri odjerni - li: *fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza taghha inferjuri,* ***jitmexxa bil-mod ta' rikors li jkun skond l-ghamla preskritta u jsir fl-ghamla ta' avviz semplici ffirmat mir-Registratur, li jkun fih l-isem u l-kunjom ta' l-attur u tal-konvenut, it-talba ta' l-attur, u l-jum u l-hin meta l-konvenut ghandu jidher, minbarra partikolaritajiet ohra li jistghu minn zmien ghal zmien jigu preskritti***[13]. Minn dan il-provvediment tal-Ligi jirrizulta evidenti li persuna li tkun ser tistitwixxi proceduri quddiem il-

[12] Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenuti, fol. 189 sa' 191 tal-process.
[13] Enfasi tal-Qorti.

Qorti tal-Magistrati (Malta) jew quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) kompetenza Civili Inferjuri, ghandha tipprezenta Rikors **skond l-ghamla preskritta,** liema Rikors jiehu l-forma u l-ghamla **ta' avviz semplici bir-rekwiziti indikati fil-Ligi**.

Fir-rigward ta' l-ghamla preskritta li ghandha tintuza minn min ikun se jistitwixxi proceduri jew jipprezenta atti quddiem il-Qrati nostrali, l-Artikolu 1007 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: *(1) Fil-qrati superjuri, l-atti kollha ghandhom jigu maghmula skont il-formuli migjuba fl-Iskeda B li hemm ma' dan il-Kodici; (2) Fil-qrati inferjuri, ghandhom jitharsu, sakemm jistghu jghoddu ghalihom, il-formuli tal-qrati superjuri, billi jsir fihom dawk il-korrezzjonijiet jew tibdil li jaghmilhom jaqblu ghall-qrati inferjuri; u (3) Il-Ministru responsabbli ghall-gustizzja jista' b'regolamenti jemeda, jissostitwixxi jew izid mal-formuli li jinsabu fl-Iskeda B li hemm ma' dan il-Kodici.* Meta l-formula taht l-Iskeda B relattiva ghal proceduri istitwiti quddiem il-Qrati tal-Magistrati Sede Civili, ossia l-Qorti tal-Magistrati (Malta) u l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza inferjuri Taghha, u cioè il-formula Nru.31, tigi ipparargunata ma' l-att li bih l-attur istitwixxa l-proceduri odjerni fil-konfront tal-konvenuti, jirrizluta immedjatament evidenti li l-formula prefissa fil-Ligi u l-att promotur f'dawn il-proceduri huma **effettivament identici**, u mhux hekk biss izda l-att promotur fil-proceduri odjerni huwa Avviz konformi ma' dak provdut fl-Artikolu 171(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn dan isegwi ghalhekk li a tenur ta' l-Artikolu 171(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, li huwa l-Artikolu tal-Ligi li ghandu jigi kkunsidrat ghall-finijiet ta' validità procedurali u legali ta' l-att promotur tal-proceduri odjerni, l-attur effettivament istitwixxa l-proceduri odjerni fil-konfront tal-konvenuti bil-mod ta' rikors li huwa skond l-ghamla preskritta u li huwa fl-ghamla ta' avviz semplici ffirmat mir-Registratur, li fih l-isem u l-kunjom tieghu *qua* u isem u kunjom il-konvenut Peplow u is-socjetà CE.FI.T Malta Limited, it-talba ta' l-attur fil-konfront tal-konvenuti, u l-jum u l-hin meta l-konvenuti kellhom jidhru ghall-ewwel dehera quddiem din il-Qorti.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk jirrizulta bl-iktar mod car u limpidu li l-proceduri odjerni ma humiex nulli u konsegwentement l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut Dr. George Peplow ma hijiex gustifikata u b'hekk ghandha tigi michuda.

Trattata l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut Dr. George Peplow, il-Qorti ser tghaddi biex tittratta t-talba attrici fil-mertu fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet fil-mertu sollevati mill-konvenuti.

It-talba attrici hija bla dubju ta' xejn talba ghall-hlas ta' kreditu li l-attur jippretendi li ghandu fil-konfront tal-konvenuti, liema talba qed tigi opposta mill-konvenuti in kwantu jikkontendu sia li ma ghandhom jaghtu xejn lill-attur u sia li fi kwalunkwe kaz l-ammont pretiz mill-attur huwa ezagerat. Fir-rigward tal-pretensjoni ghall-hlas ta' l-attur, il-konvenut Dr. George Peplow iddikjara li: *dwar il-flus mitlubin minn Cortis ghandi wkoll x'nixhed is-segwenti: L-ewwel darba li jien u c-CEFIT rajna l-invoices mehmuza mar-rikors ta' Cortis kien meta rcevejna r-rikors stess. Sa' dak iz-zmien, il-qbil li kien gie konkluz kien, kif jinghad hawn fuq li s-Sur Cortis u ahna*

*m'ghandniex izjed obbligi lejn xulxin, dment li s-Sur Cortis jiddezisti milli jkompli jkellem il-klijenti taghna.*

*Ser naghti wkoll rendikont tal-flus mitluba mis-Sur Cortis minghandi: a. Invoice Nru.3 ta' l-1 ta' Gunju 2009 is-Sur Cortis jitlob is-somma ta' €390, eskluza VAT, minghand Dr. George Peplow ghal xoghol li sar f'Mejju 2009; b. Invoice Nru.14 tad-9 ta' Awwissu 2009 is-Sur Cortis jitlob is-somma ta' €495 eskluza VAT, minghand Dr. George Peplow ghal xoghol li sar f'Gunju 2009; c. Invoice Nru.16 tad-9 ta' Awwissu 2009 is-Sur Cortis jitlob is-somma ta' €6,650 eskluza VAT, minghand Dr. George Peplow ghal xoghol li sar fil-Libja f'Lulju 2008. Nixtieq nirribatti dawn it-talbiet specifici kif gej: a. Fi tmiem Mejju 2009, konna ftehmna mas-Sur Cortis li minhabba l-flus dovuti minnu biex irragga flus li ha minghand il-klijenti taghna, kif ukoll leave li ha biex jaghmel xoghol ghall-haddiehor, kellu jnaqqas il-flus dovuti minna lilu b'50 fil-mija; b. Ghalhekk it-totali li huma dovuti minghand Dr. G. Peplow ghandhom ikunu €390 + €495 = €885 x 50% = €442.50; c. Minn dan l-ammont ta' €442.50 iridu jitnaqqsu €200 li thallsu minni lis-Sur Cortis b'cheque li jgib id-data tad-9 ta' Gunju 2009 Nru. 231 tal-BOV (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. "C"). Il-kalkoli tas-Sur Cortis rigward ix-xoghol li sar il-Libja huma zbaljati: i. ir-rata ta' hlas miftiehem mieghu ma kienetx ta' €350, imma kif qal hu stess fix-xhieda tieghu kienet anqas. Fil-verità kienet ta' Lm50 kuljum jew €112 kuljum. Dan kien minhabba li Dr. Derek Broadley tal-PTMatic kien talab lili, Dr. George Peplow, biex ir-rati ta' hlas ghall-esperti kif jidhru fir-rapport ta' l-offerta, jkunu ftit jew wisq simili ghal dawk taghna u dan biex ma nurux fuq il-karta li s-Sur Cortis kien ghadu student. Ghalhekk fuq il-kuntratt gew mizjuda ghal €350; ii. Huwa ghamel fil-Libja 14-il gurnata, u mhux kif qed jghid hu 19-il gurnata, allura €112 x 14 gurnata = €1610. Iz-zmien li ghamel il-Libja ghandu jirrizulta mill-passaport ta' l-istess rikorrenti; iii. Minn dawn irid jitnaqqsu €550 mhallsa bil-quddiem kif miftiehem ma' PTMatic, qabel ma sifirna. Din is-somma kienet giet mqassma minn qabel u kwindi anke s-Sur Cortis thallas sa' dan l-ammont. Il-bilanc totali allura huwa ta' €1,060. Dan il-bilanc ma jistax jithallas minhabba li l-ftehim mal-PTMatic, kif jirrizulta mill-kuntratt mehmuz fit-talba legali tas-Sur Cortis stess. Dan il-kuntratt jghid li l-pagament lil Dr. Peplow u lil Dr. Deidun (il-firmatarji tal-kuntratt) isir meta l-Libjani jhallsu lil PTMatic, hlas li sa' issa ghadu ma twettaqx. Hu kien jaf b'dan il-ftehim tant illi kopja tal-kuntratt relattiv tinsab ezebita in atti mill-istess rikorrenti.*

*Ser naghti rendikont tal-flus mitluba mis-Sur Cortis minghand CEFIT Malta Ltd: a. Invoice Nru. 4 ta' l-1 ta' Gunju 2009, is-Sur Cortis jitlob is-somma ta' €285, eskluza l-VAT, minghand CEFIT Malta Ltd. ghal xoghol li sar f'Mejju 2009. b. Invoice Nru. 15 tad-9 ta' Awwissu 2009 is-Sur Cortis jitlob is-somma ta' €150, eskluza l-VAT, minghand CEFIT Malta Ltd. ghal xoghol li sar f'Gunju 2009. Nixtieq nirribatti dawn it-talbiet kif gej: a. Kuntrarju ghal dak li hemez is-Sur Cortis fil-lista ta' xoghol li jghid li ghamel f'Mejju 2009, jirrizulta li xi xoghlijiet dawn mhux veru saru. Mill-€285 li qieghed jitlob, il-valur totali ta' xoghol li fil-fatt sar kien ta' €75. Ix-xoghlijiet li ma sarux mis-Sur Cortis huma elenkati fid-dokument hawn anness immarkat Dok. "D" fejn it-total ta' xoghol li ma sarx mis-Sur Cortis huwa ta' €210. Ta' dan, jien kont gbidt l-attenzjoni tas-Sur Cortis ghalihom fil-bidu ta' Gunju meta s-Sur Cortis, permezz ta' email, bghat il-lista ta' xoghol li ghamel f'Mejju. b. Kuntrarjament ghal dak li hemez is-Sur Cortis fil-lista*

*ta' xoghol li jghid li ghamel f'Gunju 2009, jirrizulta li x-xoghlijiet dawn mhux veru saru. Mill-€150 li qieghed jitlob, il-valur totali ta' xoghol li fil-fatt sar kien ta' €0.00, jigifieri li ma ghamel xejn xoghol ta' sampling ghall-CEFIT Malta Ltd. Ta' dan, jien kont ukoll gbidt l-attenzjoni tas-Sur Cortis. c. Barra dan kollu, kif spjegat hawn fuq fi tmiem Mejju 2009, konna fthiemna mas-Sur Cortis minhabba l-flus dovuti minnu u cioè dawk il-flus li kien gabar minghand il-klijenti taghna, kif ukoll leave li ha biex jaghmel bla permess (f'dan is-sens qed tigi ezebita email bhala Dok. E) kellu jnaqqas il-flus dovuti minna lilu b'50 fil-mija. Ghalhekk il-flus dovuti mic-CEFIT lis-Sur Cortis huma ta' €75 x 50% = €37.50. .... Xoghol li sar Malta - B'hekk is-Sur Cortis ghandu jithallas is-somma ta' €245.5 minghand Dr. G. Peplow ... B'hekk is-Sur Cortis ghandu jithallas is-somma ta' €37.5 minghand CEFIT Malta Ltd. B'hekk is-Sur Cortis ghandu jiehu total ta' €242.5 + €37.5 = €280 minghandi u CEFIT Malta Ltd. flimkien. Imma minhabba li s-Sur Cortis kif miftiehem mieghu, kien ghad fadallu ikun jhallas €2,300, allura l-bilanc huwa ta' €2300 - €280 = €2020 li s-Sur Cortis baqalu jiskonta maghna. Xoghol li sar il-Libja - ... B'hekk l-ammont dovut minn Dr. G Peplow lis-Sur Cortis ghal xoghol li sar fil-Libja huwa ta' €6650 - €5590 = €1060. Dan l-ammont ma setax jithallas ghax: i. Il-pagament minn PTMatic ghadu ma sarx. ii. Is-Sur Cortis ghad ghandu jaghti lil Dr. G. Peplow u lic-Cefit €2020[14].*

Mill-provi prodotti mill-attur, senjatament mill-affidavit tieghu[15] u d-dokumenti annessi mieghu, ossia l-fatturi u worksheets esebiti a fol. 28 sa' 42 tal-process u fuq dokument datat 13 ta' Gunju 2008 esebit a fol. 43 sa' 46 tal-process, kif ukoll minn provi ohra, inkluzi provi prodotti mill-konvenuti stess, senjatament mix-xhieda ta' Dr. Alan Deidun[16] u ta' Derek Broadley[17] u anke mill-affidavit tal-konvenut Dr. George Peplow[18], jirrizulta li l-istess attur ippresta servizzi lill-konvenuti fuq inkarigu taghhom u kien ukoll involut fi progett ta' Environmental Impact Assessment gewwa l-Libja, liema inkarigu gie esegwit minnu. B'hekk jirrizulta li l-attur effetivament ghandu kreditu versu l-konvenuti Dr. George Peplow u s-socjetà CE.FI.T Malta Limited.

In verità il-konvenuti ma jichdux li l-attur ipprestalhom servizzi fuq inkarigu taghhom u li kien involut fi progett gewwa l-Libja u esegwixxa l-inkarigu tieghu fil-kuntest ta' dan il-progett, ghal liema servizzi u xoghol ghandu jedd ghall-hlas, izda jikkontendu li l-ammont pretiz mill-attur huwa ezagerat u fi kwalunkwe kaz mhux dovut ghar-ragunijiet moghtija mill-imsemmi Dr. George Peplow fl-affidavit tieghu. Fil-fehma tal-Qorti din id-difiza tal-konvenuti twassal biex l-oneru tal-prova jinqaleb ghal fuqhom u b'hekk ghandhom jippruvaw b'mod sodisfacenti l-bazi tad-difiza taghhom kontra t-talba attrici.

Din l-osservazzjoni tal-Qorti ssib konferma fil-principju ormai assodat fis-sistema guridika nostrali li: *il-piz probatorju tal-konvenut in sostenn ta' l-eccezzjonijiet tieghu tinsorgi fih una volta li l-attur minn naha tieghu ikun gab prova ta' fatt jew*

---

[14] Para. 13 sa' 18 ta' l-affidavit tal-konvenut Dr. George Peplow, fol. 91 sa' 93 tal-process.
[15] Fol. 26 u 27 tal-process.
[16] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-31 ta' Ottubru 2011, fol. 67 sa' 77 tal-process.
[17] Xhieda moghtija waqt is-seduti ta' l-4 ta' Lulju 2012, fol. 132 sa' 137 tal-process u tat-3 ta' Gunju 2013, fol. 148 sa' 152 tal-process.
[18] Fol. 90 sa' 93 tal-process.

*fatti li jsostnu l-bazi tat-talba tieghu. Dan ghaliex l-insufficjenza jew in-nuqqas tal-prova tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenut biex jikkumbatti l-pretensjoni attrici ma tiddispensax lill-attur mill-oneru li adegwatament jiddimostra l-legittimità u l-fondatezza tal-meritu tal-pretensjoni tiehgu. Fil-kaz imbaghad li l-konvenut ma jikkuntentax ruhu bis-semplici kontestazzjoni generika ta' l-assunt ta' l-attur, u anzi jikkontrapponga difiza artikolata fuq fatti diversi minn dawk formanti l-bazi tad-domanda attrici, u dan tramite eccezzjoni sostanzjali, allura jinsorgi fih l-obbligu li huwa wkoll igib 'l quddiem prova dimostrattiva a sensu ta' l-Artikolu 562, s'intendi dejjem bil-konsegwenzjali realttiva f'kaz ta' prova insufficjenti jew insodisfacenti*[19].

Mill-affidavit tal-konvenut Dr. George Peplow johrog b'mod car li l-konvenuti jikkontestaw it-talba attrici in bazi ghas-segwenti pretensjonijiet:

- **L-ammonti pretizi mill-attur fil-fatturi datati l-1 ta' Gunju 2009 u d-9 ta' Awwissu 2009 mahruga fir-rigward tal-konvenut Peplow ghal servizzi prestati fix-xhur ta' Mejju 2009 u Gunju 2009 u fil-fatturi ukoll datati l-1 ta' Gunju 2009 u d-9 ta' Awwissu 2009 mahruga fir-rigward tas-socjetà konvenuta CE.FI.T Malta Limited ghal servizzi prestati lilha fix-xhur ta' Mejju 2009 u Gunju 2009, ghandhom jonqsu b'50% skond ftehim milhuq bejn l-attur u l-konvenut Peplow f'xi zmien wara l-ahhar ta' Mejju 2009, u fi kwalunkwe kaz l-ammonti pretizi mill-attur minghand il-konvenuti huma pacuti ma' l-ammonti minnu dovuti lilhom**.

  Fir-rigward fl-affidavit tieghu l-konvenut Dr. George Peplow jiddikjara: *malli spicca mill-istudji, qabbadtu jahdem full time, bhala impjegat, mal-kollegi tieghi tac-CEFIT Malta u kien irregistrat regolarment bhala impjegat full time ma' CEFIT Malta, liema registrazzjoni saret bl-ghajnuna tal-awdituri ta' CEFIT Malta, CMP Ltd. Dak iz-zmien b'indirizz il-Msota. ... Dan kien minn Awwissu sa' Ottubru 2008, meta kellna ntemmulu l-impjieg full time minhabba nuqqas ta' lealtà kif imfisser hawn taht. Barra dan xorta bqajt naghtih xoghol tieghi li jikkumplimenta ix-xoghol tac-CEFIT, u nhallsu apparti. Mill-bidu nett ta' dan l-impjieg full time mac-CEFIT, is-Sur Cortis wera li ma kienx leali ghax gieli kelli rapport li avvicina xi klijenti taghna biex jaghmlilhom xi xoghol hu, privat ghalih. Tant hu hekk li s-Sur Cortis DEJJEM sab xi skuza biex ma jikkontatjax klijenti godda f'isem ic-CEFIT u dan peress illi l-interess tieghu kien ikun proprju dak li jikkuntatjahom hu direttament fil-kwalità tieghu privata. Ghalhekk gbitlu l-attenzjoni diversi drabi, u dejjem ammetta u talab skuza, però rrizulta li baqa', minn wara dahrna, jipprova jittradina, tant li wara li smajt minn klijenti stess, tajtu warning iebsa fi tmiem Settembru 2008. Biex jitlob skuza kien kiteb email fejn ammetta l-izbalji tieghu u talab mahfra lili u lic-CEFIT. Din l-apologija jien u c-CEFIT accettajniha, u hu seta' jkompli l-impjieg full time tieghu. ... Imma s-Sur Cortis kellu rasu gholja wisq, u f'nofs ix-xahar ta' Ottubru 2008 wasalli ghal widnejja li baqa' jfittex klijenti ghalih, ghamel xoghlijiet ma' l-istess klijenti*

[19] Mario Mifsud v. Carmelo Mifsud, Appell Civili Nru. 1536/99 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Novembru 2003.

*taghna u thallas hu personalment waqt il-hinijiet tax-xoghol tieghu fulltime mac-CEFIT. Barra minn hekk is-Sur Cortis anke talabna leave bejn id-9 u 12 ta' Ottubru 2008, minghajr ma qalilna li fil-fatt mar jaghmel xoghol privat tieghu, konness ma' l-istess xoghol li kellu maghna. Ahna temmejna l-impjieg full time tieghu fl-ahhar ta' Ottubru 2008 minhabba dawn ir-ragunijiet. Imma bhala gest ta' bona volontà konna zammejna lis-Sur Cortis bhala part timer. Dan ghamilnieh ghax is-Sur Cortis weghdna li ser ihallas il-flus migbura minnu, minn klijenti taghna, fi zmien meta kien impjegat full-time mac-CEFIT, kif ukoll li jiskonta l-paga mhallsa tal-leave la ha bejn id-9 - 16 ta' Ottubru 2008. Is-Sur Cortis dejjem baqa' jitlobna biex nerghu nimpjegawh full time, u sadanittant bqajna niddiskutu l-ammont li kellu jhallasna. Ghall-habta ta' Dicembru 2008 konna ftehmna mas-Sur Cortis li kellu jhallas €2,500 ta' flus li gabar minghand klijenti taghna waqt li suppost kien ghamel xoghol tieghi u tac-CEFIT. Minhabba l-fatt li dan kien 'amicable settlement' u ma ridniex li l-konsegwenzi ghas-Sur Cortis ikunu koroh izzejjed, konna b'bona volontà bizzejjed biex naghtuh zmien halli jhallas dan l-ammont. Barra minn hekk, peress li kien rega' beda jitlob skuza, biex jerga jahdem full time maghna, iddecidejna li nzommuh part time anke fix-xhur ta' wara. Kien hallas xi haga zghira, €200 fi Frar 2009 imma meta ma kompliex ihallas is-somma maqbula, ftehmna mieghu li minn Mejju 2009 innaqqsulu 50% mill-hlas tax-xoghol li kien qed jaghmel ghalija u c-CEFIT u sakemm jaghlaq il-kont maghna. Minn dan kollu jsegwi li s-Sur Cortis kien ghadu jaf lili u lic-CEFIT is-somma ta' €2,300. Fi tmiem Mejju 2009, ghal darb' ohra smajt li s-Sur Cortis baqa' jikkontattja xi klijenti taghna biex jaghtu ix-xoghol lilu u mhux lili jew lic-CEFIT. Kien ghalhekk li ddecidejna li s-Sur Cortis mhux bniedem ta' min jafdah u ftiehmna li nwaqqfuh darba ghal dejjem minn kull xoghol ghalija u ghac-CEFIT. Meta kellimtu hu ammetta, ftehimna li nigu f'arrangament li parti mill-flus imhallsa digà lilu mic-CEFIT u minni ghax-xoghol maghmul minnu bejn Awwissu u Ottubru 2008 icedihom u min-naha taghna ahna ma nfittxuhx ghall-flus dovuti minnu ghal xoghol li kien ghamel fil-privat bejn Awwissu w Ottubru 2008. Dan kollu biex jifdi l-€2,500 li kien gabar ghalih f'dawk it-3 xhur li suppost kien full-time ma' CEFIT Malta. Dan il-ftehim kien jinkludi wkoll li l-hlas li kien dovut ghax-xoghol li ghamel f'Mejju u Gunju 2009, ghalija u ghac-CEFIT kellu jitnaqqas bin-nofs, haga li s-Sur Cortis qabel maghha u dana bhala "set off" ghall-flus li kellu jaghti lilna l-istess Cortis. Però anke wara li kien spicca definittivament minn maghna, is-Sur Cortis baqa' ghaddej bl-istess storja tant illi pprova javvicina klijenti taghna bil-ghan li jehodhom lili u lic-CEFIT. Ghalhekk fit-22 ta' Gunju 2009 kelli nirrikorri b'ittra ta' l-Avukat Bonello biex is-Sur Cortis ma jibqax jipprova jipperswadi l-klijenti taghna biex jahdmu mieghu*[20].

Il-Qorti tibda biex tosserva li ghalkemm il-konvenut Dr. George Peplow jikkontendi li l-allegat ftehim milhuq ma' l-attur intlahaq ftit wara t-tmiem ta' Mejju 2009, il-probabilità hi - u dan skond ma jirrizulta mill-provi prodotti mill-konvenuti stess - li dan l-allegat ftehim sar, jekk verament sar, wara l-ittra tad-19 ta' Gunju 2009 mibghuta lill-attur. Il-Qorti tasal ghal din il-konkluzjoni in vista tal-fatt li ftehim allegatament milhuq ftit wara l-ahhar ta' Mejju 2009, ma jistax

[20] Para. 3 sa' 12 ta' l-affidvit tal-konvenut Dr. George Peplow a fol. 90 u 91 tal-process.

jinkludi hlasijiet ghal xoghlijiet esegwiti f'Gunju 2009, addirittura fid-19 ta' Gunju 2009 u kieku verament tali ftehim gie milhuq ftit jiem wara t-tmiem ta' Mejju 2009, l-ittra tad-19 ta' Gunju 2009 mibghuta lill-attur mill-Avukat tal-konvenuti certament kient taccenna ghall-allegat ftehim, accenn li in verità ma jsirx u jinghad biss: *ghaldaqstant, permezz tal-presenti, il-klijent tieghi qieghed jinterpellak sabiex minnufih: (i) tieqaf u tiddezisti minnufih milli tuza kuntatti, informazzjoni u sigrieti tan-negozju (trade secrets) tal-mittenti; (ii) tivversa a favur tal-mittenti kwalsiasi flejjes li inti gbart f'isimihom minghand klijenti taghhom; u (iii) tersaq ghall-likwidazzjoni u l-hlas ta' danni li l-mittenti sofrew minhabba l-agir tieghek. Fin-nuqqas se jittiehdu passi bil-Qorti kif imiss inkluz billi jintalab il-hrug tal-mandati opportuni*[21].

*Dato ma non concesso* li kien hemm tali ftehim bejn il-partijiet kontendenti, una volta li l-konvenuti jikkontendu li l-ftehim gie milhuq biex jigu evitati proceduri giudizzjarji da parte taghhom fil-konfront ta' l-attur, affermazzjoni din tal-konvenut Dr. George Peplow fl-affidavit tieghu, huwa evidenti li qed jikkontendu li bejnhom u l-attur intlahqet xi forma ta' transazzjoni.

L-Artikolu 1718 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: *it-transazzjoni hija kuntratt li bih il-partijiet, b'xi haga li jaghtu, iwieghdu jew izommu, jaghtu tmiem ghal kawza mibdija jew jevitaw kawza li tkun sejra ssir.* L-Artikolu 1233 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: *(1) bla hsara tal-kazijiet li fihom il-ligi, espressament, taghmel mehtieg l-att pubbliku, ghandhom isiru b'att pubbliku jew b'kitba privata, taht piena ta' nullità: ... (d) it-transazzjoni.* Fid-dawl ta' dawn il-provvedimenti tal-Ligi jirrizulta b'mod car li ladarba l-allegat ftehim ta' transazzjoni bejn il-partijiet kontendenti kien biss wiehed verbali, dak il-ftehim ma huwiex validu ai termini tal-Ligi u b'hekk, anke jekk verament intlahaq, mhux esegwibbli. Il-Qorti hawn taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Macpherson Mediterranean Limited v. J. Lautier Company Limited, Citaz. Nru. 1200/96** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Dicembru 2000[22], fejn gie osservat illi: *Alberto Trabucchi fit-trattat "Istituzioni di Diritto Civile" jghid li 'la transazione infine è il contratto con il quale le parti pongono fine a una lite già cominciata o prevengono una lite che sta per sorgere tra loro, facendosi reciproche concessioni ... La transazione non può essere provata con testimoni; richiede la prova scritta.*

Il-Qorti in verità ghandha d-dubji taghha kemm verament kien hemm ftehim bejn il-partijiet kontendenti kif allegat minn Dr. George Peplow u bit-termini minnu pretizi, u dana billi ma tressqux provi sodisfacenti fir-rigward lanqas imqar tal-figura ta' €2,500, o meglio il-bilanc ta' €2,300, pretiz mill-konvenuti minghand l-attur, prova din li fil-fehma tal-Qorti facilment setghet tigi prodotta. Apparte minhekk huwa kemm xejn kontradittorju li l-konvenut Dr. George Peplow jghid li l-attur ma kienx lejali fil-konfront tieghu u tas-socjetà CE.FI.T Malta Limited izda imbaghad fdawh bil-pagament ta' l-ammont minnhom pretiz b'semplici ftehim verbali, iktar u iktar meta skond l-istess konvenut Dr. George Peplow maz-zmien

[21] Dokument "B" anness ma' l-affidavit tal-konvenut Dr. George Peplow, fol. 95 tal-process.
[22] Konfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza pronuncjata fis-16 ta' Ottubru 2006.

beda jirrizulta li l-attur ma kienx qed jonora l-pagamenti minnu allegatament dovuti.

Mix-xhieda tal-konvenut Dr. George Peplow jirrizulta wkoll li l-konvenuti jippretendu li sehhet jew ghandha ssehh tpacija bejn l-ammonti pretizi mill-attur u s-somma ta' €2,300 pretiza minnhom. Madanakollu però fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz in ezami, partikolarment meta l-figura pretiza mill-konvenuti ma gie minnhom sostanzjata bl-ebda mod, tali tpacija ma tistax issehh u ma jirrizultax b'mod sodisfacenti li sehhet.

Kif osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-precitata sentenza fl-ismijiet **Macpherson Mediterranean Limited v. J. Lautier Company Limited:** *kif intqal fis-sentenza "Felix Mifsud v. Joseph Camilleri Fava noe" ... ir-regoli ta' tpacija jiddisponu li din ssehh ipso jure skond l-artikolu 1196 tal-Kap.16 meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin u b'hekk issir bejniethom it-tpacija ipso jure. "Din it-tpacija ssir minghajr ma jkunu jafu d-debituri jekk ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, u d-djun jinqatlu wiehed bl-iehor sa' fejn ikunu indaqs. L-artikolu 1197 tal-Kap.16 jistabilixxi li t-tpacija ssir biss bejn zewgt idjun li jkollhom somma ta' flus .. li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu. ... Illi fis-sentenza "Onor. Carm Lino Spiteri v. Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici" (A.C. HH 25 ta' Jannar 1988 - LXXII.iii.157) inghad illi 'infatti kif deciz minn din il-Qorti fl-14 ta' Jannar 1995 fil-kawza "G. Schembri v. G. Chircop" ma jistax jkun hemm kompensazzjoni meta iz-zewg debiti ma jkunux likwidi u esigibbli (Vol. XXXIII.i.614; XXXI.i.8) b'mod illi la darba l-kreditu pretiz mill-konvenut mhux likwidu w esigibbli, huwa ma jistax jeccepixxi l-kompensazzjoni. U ghalkemm il-likwidità ta' zewg krediti mhix estrem essenzjali ghall-kompensazzjoni gudizzjali, b'danakollu, meta l-likwidazzjoni tal-kreditu dedott b'kompensazzjoni mhux facli u ma tistax issir malajr ... Din il-kompensazzjoni m'ghandhiex tigi facilment accettata mit-tribunali. ... Illi fil-kawza "Paul Abela noe v. Paul Laferla noe" (A.C. 18 ta' Mejju 1953) addirittura inghad li 'ma tistax tigi invokata bhala li operat ruhha 'ipso jure' ghar-rigward ta' krediti li ma humiex ammessi mill-parti l-ohra'.*

Fid-dawl ta' dawn il-principji guridici huwa evidenti li t-tpacija pretiza mill-konvenuti ma tistax issehh ghar-raguni li: (i) huma ma rnexxilhomx jippruvaw b'mod sodisfacenti u bil-korroborazzjoni necessarja li huma effettivament krredituri ta' l-attur fis-somma bilancjali ta' €2,300; u (ii) ghalkemm mill-email datata 30 ta' Settembru 2008 esebita bhala Dokument "A" ma' l-affidavit tal-konvenut Dr. George Peplow, fol. 94 tal-process, jirrizulta li l-attur iddikjara li l-pagament li huwa kien ircieva minghand certu Haider kien ser jghaddi lill-konvenuti, imkien ma jsemmi dan l-ammont x'inhu u imkien ma jirrikonoxxi, jammetti jew jaccetta li huwa debitur tal-konvenuti f'ebda ammont specifiku, wisq inqas fl-ammont ta' €2,300.

Fid-dawl ta' dan osservat jirrizulta li kuntrarjament ghal dak pretiz mill-konvenuti, ma ghandu jkun hemm ebda tnaqqis mill-ammonti pretizi mill-attur ghal servizzi prestati lilhom, la a bazi ta' xi ftehim allegatament milhuq bejniethom u lanqas a bazi ta' tpacija.

- **L-ammonti pretizi mill-attur minghand Dr. George Peplow personalment ghandhom jonqsu bis-somma ta' €200 li già thallset lill-attur**.

L-attur jammetti li huwa rcieva hlas tas-somma ta' €200 minghand il-konvenut Dr. George Peplow u fir-rigward jiddikjara: *fl-ewwel ta' Gunju 2009 jiena hrigtlu l-invoices (wahda ghal Dr. G. Peplow f'ismu proprju [REFERENZA 1] u l-ohra ghan-nom tac-CE.FI.T [REFERENZA 2] ghax-xoghol prestat minni ghax-xahar ta' Mejju. Wara xi jiem nsostni ghall-pagament misthoqq fl-10 ta' Gunju huwa harigli cekk (BOV No. 000123) ta' €200 (cekk f'ismu proprju u mhux f'isem ic-CE.FI.T) li minnu €78.50 marru biex ikopru spejjez li jiena ghamilt ghalih, filwaqt li l-bqija (€121.50) marru biex ikopru parti mill-invoice indirizzata lilu (dik b'REFERENZA 1)...*[23]. Mid-dokument REF.1 a fol. 28 tal-process li huwa l-fattura datata 1 ta' Gunju 2009 referibilment ghax-xoghol esegwit f'Mejju 2009, jirrizulta li l-attur effettivament ha in konsiderazzjoni l-hlas ta' €121.50 li huwa ircieva minghand il-konvenut Dr. George Peplow fil-kontesggi tieghu. Fid-dawl ta' dan il-fatt u ladarba l-ammont l-iehor ta' €78.50 kien relattiv ghal spejjez mhux konnessi ma' din il-fattura u ma' l-ammonti pretizi b'dawn il-proceduri, jsegwi li kuntrarjament ghal dak pretiz mill-konvenut Dr. George Peplow ma hemm l-ebda ammont li jrid jigi dedott mill-ammonti pretizi minghandu mill-attur.

Il-Qorti tqis li ma hemm l-ebda raguni in bazi ghal liema ghandha tasal ghal konkluzzjoni diversa minn dik hawn appena raggunta specjalment meta, mistoqsi dwar dan l-ammont ta' €200 il-konvenut Dr. George Peplow wiegeb: *Dawn il-€200 ma kellhomx x'jaqsmu xejn mal-flus li kellu jaghtina hu imma nsejt ghal xiex kienu dawk il-€200*[24].

- **L-ammonti pretizi mill-attur minghand is-socjetà konvenuta CE.FI.T Malta Limited ghandhom jonqsu ghaliex l-attur ma esegwiex ix-xoghlijiet kollha minnu reklamati fil-kontijiet mahruga lill-imsemmija socjetà**.

Fir-rigward ta' din l-allegazzjoni partikolari l-unika prova li tressqet mill-konvenuti hija x-xhieda tal-konvenut Dr. George Peplow fejn iddikjara li: *kuntrarju ghal dak li hemez is-Sur Cortis fil-lista ta' xoghol li jghid li ghamel f'Mejju 2009, jirrizulta li xi xoghlijiet dawn mhux veru saru. Mill-€285 li qieghed jitlob, il-valur totali ta' xoghol li fil-fatt sar kien ta' €75. Ix-xoghlijiet li ma sarux mis-Sur Cortis huma elenkati fid-dokument hawn anness immarkat Dok. "D" fejn it-total ta' xoghol li ma sarx mis-Sur Cortis huwa ta' €210. Ta' dan, jien kont gbidt l-attenzjoni tas-Sur Cortis ghalihom fil-bidu ta' Gunju meta s-Sur Cortis, permezz ta' email, bghat il-lista ta' xoghol li ghamel f'Mejju. b. Kuntrarjament ghal dak li hemez is-Sur Cortis fil-lista ta' xoghol li jghid li ghamel f'Gunju 2009, jirrizulta li x-xoghlijiet dawn mhux veru saru. Mill-€150 li qieghed jitlob, il-valur totali ta' xoghol li fil-fatt sar kien ta' €0.00, jigifieri li ma ghamel xejn xoghol ta'*

[23] Para. 3 ta' l-affidavit ta' attur, fol. 26 tal-process.
[24] Kontro-ezami tal-konvenut Dr. George Peplow waqt is-seduta tat-3 ta' Gunju 2013, fol. 159 tal-process.

*sampling għall-CEFIT Malta Ltd. Ta' dan, jien kont ukoll ġbidt l-attenzjoni tas-Sur Cortis*[25].

L-elenku imsemmi mill-konvenut Peplow ma huwa xejn għajr il-worksheets sottomessi mill-attur stess fejn hemm indikat fil-margini tagħhom dawk ix-xogħlijiet li skond l-istess konvenut ma ġewx esegwiti mill-attur. Fid-dawl tal-principji ġuridiċi li *kull prova għandha tkun rilevanti għall-kwistjoni fil-kawża bejn il-partijiet* (Artikolu 558 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta) u *l-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li parti tista' ġġib* (Artikolu 559 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta), il-Qorti hi tal-fehma li s-soċjetà konvenuta ma irnexxilhiex tipprova b'mod sodisfaċenti li x-xogħlijiet li skontha ma ġewx esegwiti mill-attur fil-verità w effettivament ma ġewx esegwiti minnu.

Bla dubju ta' xejn biex is-soċjetà konvenuta setgħet tgħid liema xogħlijiet skontha ġew esegwiti mill-attur u liema xogħlijiet skontha ma ġewx esegwiti mill-attur, hija neċessarjament għandha xi forma ta' rendikont jew dokumentazzjoni in sostenn ta' l-istess u allura huwa ferm stramb kif, għal raġunijiet li taf hija biss, għażlet li din il-prova, li ċertament kienet tkun l-aħjar prova fir-rigward, ma saritx.

Fid-dawl ta' dan għalhekk il-Qorti tqis li lanqas dan it-tnaqqis pretiż mill-konvenuti ma għandu jiġi hekk imnaqqas mill-ammonti pretiżi mill-attur.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk jirriżulta li l-attur illi, kif ammess mill-konvenuti stess ipprestalhom servizzi fuq inkarigu tagħhom, għandu jedd jitħallas għal tali servizzi liema ħlas ma għandu jiġi mnaqqas bl-ebda mod u għal ebda ammont stante li l-konvenuti ma rnexxilhomx jippruvaw b'mod sodisfaċenti l-kontestazzjonijiet tagħhom fir-rigward tal-pretensjonijiet ta' l-attur.

Raggunta din il-konkluzjoni fir-rigward tal-pretensjonijiet ta' l-attur fil-konfront tal-konvenuti għall-ħlas għal servizzi minnu prestati lilhom, jeħtieġ issa tiġi trattata il-pretensjoni ta' l-attur fir-rigward tal-konvenuti għall-ħlas għal xogħol minnu esegwit ġewwa l-Libja relattivament għall-inkarigu mogħti lill-konvenut Dr. George Peplow u lil Dr. Alan Deidun mis-soċjetà PTMatic Limited dwar Environmental Impact Assessment fil-Libja.

L-attur jibbaża l-pretensjoni tiegħu għall-ħlas tas-somma ta' €6,650 fuq il-ftehim milħuq bejn Derek Broadley għas-soċjetà PTMatic Limited u Dr. George Peplow u Dr. Alan Deidun fir-rigward ta' Environmental Impact Assessment li kellu jsir ġewwa l-Libja, minn liema jirriżulta li huwa - ossia l-attur - kellu jitħallas is-somma ta' €350 kull jum għal kuljum meħtieġ għall-esekuzzjoni ta' l-inkarigu speċifiku tiegħu. In sostenn tal-pretensjoni tiegħu l-attur esebixxa dokument datat 13 ta' Ġunju 2008, li ġie kkonfermat kemm minn Dr. Alan Deidum[26] kif ukoll minn Derek Broadley[27], tnejn mit-tlett partijiet kontraenti, li dak id-dokument jikkostitwixxi s-sustanza tal-ftehim milħuq bejn PTMatic Limited, Peplow u Dediun. Il-konvenut Dr. George Peplow però jikkontendi li l-ħlas pretiż mill-attur mhux dovut għaliex:

[25] Para. 17 ta' l-affidavit tal-konvenut Dr. George Peplow, fol. 92 tal-process.
[26] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-31 ta' Ottubru 2011, fol. 67 sa' 77 tal-process.
[27] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Ġunju 2013, fol. 148 sa' 152 tal-process.

(a) ir-rata li biha kellu jithallas l-attur ma kenitx dik ta' €350 kuljum izda ta' €112 kuljum; (b) l-attur ma ghamilx 19-il gurnata l-Libja imma ghamel biss 14-il gurnata hemmhekk; (c) mill-ammont pretiz ghandu jitnaqqas l-ammont ta' €550 già imhallas lill-atur; u (d) ladarba s-socjetà PTMatic Limited ghadha ma hallsitx lill-konvenut Dr. George Peplow u lil Dr. Alan Deidun, allura l-konvenut mhux obbligat li jhallas lill-attur sakemm huwa jircievi tali pagament.

Il-ftehim milhuq bejn PTMatic Limited, Dr. George Peplow u Dr. Alan Deidun kjarament jolqot u jeffettwa terzi persuni li ma kienux firmatarji u b'hekk partijiet kontraenti fuq dak l-istess ftehim, fosthom l-attur. Mill-provi prodotti jirrizulta li ghall-inqas ghal dak li jirrigwarda l-attur, kien il-konvenut Dr. George Peplow li innegozja mas-socjetà PTMatic Limited ir-rata ta' €350 kuljum ghall-inkarigu li l-attur kellu fuq dan il-progett. Dan ifisser ghalhekk li skond dak il-ftehim l-attur kellu jircievi hlas ta' €350 kuljum ghall-esekuzzjoni ta' l-inkarigu tieghu fuq tali progett.

B'kuntrast ghal dak provdut fl-imsemmi ftehim il-konvenut jikkontendi li r-rata ta' €350 kuljum ghall-attur giet stabbilita mhux ghax kienet verament mifthiema bhala pagabbli lill-attur imma ghaliex fuq talba ta' Derek Broadley stess ir-rati gew stipulati kollha bejn wiehed u iehor l-istess biex il-klijent ahhari tas-socjetà PTMatic Limited ma jkunx jaf li l-attur kien student, allegazzjoni din però li giet michuda minn Derek Broadley li in risposta ghall-mistoqsija: *so Mr. Broadley, Dr. Peplow in his affidavit claims that you had asked him to obtain rates of payments for experts similar to your payments not to show that Robert Cortis was a student, thus on paper the amount payable was shown at the rate of 350 Euros. Would you say that this statement is true?* wiegeb: *our contract was with Doctors Deidun and Peplow and how they handled the matter from there, who they recruited under and at what rate quite frankly was their affair, we didn't get involved*[28].

Fir-rigward tal-hlas dovut lill-attur, l-istess attur effettivament jiddikjara li: *qabel ma tlaqna minn Malta lejn il-Libja, jiena ma kontx naf b'dan l-ammont li jidher fil-kuntratt ghax sirt naf bih biss meta wasalna hemmhekk. Qabel ma tlaqna l-konvenut lili kien tani ammont differenti. Ghalkemm il-konvenut kien tani ammont, jiena minghalija ma kontx ftehmt fuq dak l-ammont. L-ammont ikkowtat lili mill-konvenut kien ta' €200 kuljum. Jiena lill-konvenut ma ghedtlu xejn fir-rigward ta' dan l-ammont u tlajt il-Libja*[29].

Ghalkemm l-attur jghid li huwa ma kienx ftiehem mal-konvenut Peplow fir-rigward tar-rata ta' €200 kuljum ghall-inkarigu tieghu gewwa l-Libja, il-fatt li huwa tela' l-Libja w esegwixxa l-inkarigu moghti lilu jfisser li f'dak il-hin huwa kien accetta li l-hlas tieghu ghal tali xoghol kien se jkun ta' €200 kuljum. Madanakollu però il-Qorti ma tqisx li dan il-'ftehim' bejn l-attur u l-konvenut Dr. George Peplow ghandu japplika minflok dak miftiehem ghall-attur fil-ftehim bejn PTMatic Limited, Dr. George Peplow u Dr. Alan Deidun u dan ghar-raguni li ma jirrizultax li l-konvenut Peplow kien sincier fil-konfront ta' l-attur meta ffissa r-rata ta' €200 kuljum b'dana li l-attur xjentement u volontarjament irrinunzja ghal ben €150 kuljum dovuti lilu

[28] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-3 ta' Gunju 2013, fol. 149 tal-process.
[29] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-30 ta' Mejju 2011, fol. 57 tal-process.

bhala hlas ghall-inkarigu tieghu gewwa l-Libja, liema inkarigu skond Dr. Alan Deidum u skond Derek Broadley gie esegwit u gie esegwit b'mod komplut[30].

Skond il-ftehim milhuq bejn PTMatic Limited u Dr. George Peplow u Dr. Alan Deidun, l-attur kellu jithallas bir-rata ta' €350 kuljum skond il-Bar Chart Scheduling of Activities, fol. 44 tal-process, li jfisser ghalhekk li r-rata ta' €350 kuljum kienet ghal dawk il-granet meta effettivament kien qed isir xoghol *out on the field.* Di fatti l-ftehim jipprovdi ulterjorment li *we acknowledge the fact that we may have to spend some days in Tripoli (1-2 nights each) to effect the desert transport arrangements. During the period in Tripoli the fees shall work out at €200 per diem per person for a maximum of 3 nights in total per person*[31].

Mix-xhieda ta' l-attur jirrizulta li ghalkemm huwa ghamel total ta' tlettax-il gurnata gewwa l-Libja, jumejn minnhom kienu vvjaggar[32] li jfisser ghalhekk li l-hlas effettivament dovut lilu huwa ta' hdax-il gurnata bir-rata ta' €350 kuljum u jumejn bir-rata ta' €200 kuljum, ghal total ta' **€4,250** u mhux ta' €6,650 kif minnu pretiz.

Il-konvenut Dr. George Peplow jikkontendi li mill-ammont qual' volta dovut lill-attur ghandu jitnaqqas l-ammont ta' €550 già mhallas lill-attur. Fir-rigward huwa jsostni li *minn dawn* [il-hlas pretiz mill-attur fir-rigward ta' l-inkarigu gewwa l-Libja] *irid jitnaqqsu €550 già mhallsa bil-quddiem kif miftiehem ma' PTMatic, qabel ma sifirna. Din is-somma kienet giet mqassma minn qabel u kwindi anke s-Sur Cortis thallas sa' dan l-ammont*[33].

Il-Qorti tosserva li ghal dak li jirrigwarda l-pagament huwa principju guridiku ormai assodat li *min jallega l-pagament ghandu jippruvah ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti. Fid-dubju u fin-nuqqas ta' ricevuta ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx, jekk ma jigix pruvat .. b'mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt*[34].

Fil-kaz in ezami l-konvenut Dr. George Peplow ma ressaq l-ebda prova li tikkorobora dak minnu allegat fl-affidavit tieghu, ossia li l-attur thallas is-somma ta' €550 akkont ta' dak lilu dovut ghall-inkarigu tieghu gewwa l-Libja. Il-konvenut, ghal raguni li jaf huwa biss ma ressaq assolutament ebda prova dwar dan il-hlas u ghalkemm donnu pprova jghid li dan il-hlas lill-attur gie esegwit skond kif miftiehem ma' PTMatic Limited, Derek Broadly ghall-imsemmija PTMatic Limited kategorikament cahad dan. Ghalkemm Broadley jirrikonoxxi li PTMatic Limited hallset lill-konvenut is-somma ta' €6,000, huwa ddikjara wkoll li la hu u lanqas PTMatic Limited ma ndahlu jew kienu jafu kif il-konvenut Dr. George Peplow qassam, jekk effettivament qassam,dawn is-sitt elef Euro bejn il-membri kollha tat-team maghzul u migbur mill-konvenut, fosthom l-attur.

---

[30] Vide xhieda Dr. Alan Deidun moghtija waqt is-seduta tal-31 ta' Ottubru 2011, fol. 68 tal-process u xhieda Derek Broadley moghtija waqt is-seduta tat-3 ta' Gunju 2013, fol. 149 tal-process.
[31] Fol. 44 tal-process.
[32] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-30 ta' Mejju 2011, fol. 57 tal-process.
[33] Para. 15(d)(iii) ta' l-affidavit tal-konvenut Dr. George Peplow, fol. 92 tal-process.
[34] Andrew Dalli v. Michael Balzan noe, Citaz. Nru. 187/90, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 2003 u Carmelo Zammit v. Emanuele Galea et, Appell Civili Nru. 1590/94 deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Frar 2003.

Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti tqis li l-konvenut ma ressaqx l-aqwa prova fir-rigward ta' tali hlas u ghaldaqstant tqis li dan l-ammont ma ghandux jitnaqqas mill-ammont dovut lill-attur ghall-inkarigu tieghu gewwa l-Libja.

Jigi in fine osservat li l-konvenut jikkontendi li f'dan l-istadju ebda hlas ma huwa dovut lill-attur ghall-inkarigu tieghu gewwa l-Libja ghaliex hu, ossia l-konvenut, ghadu ma thallasx minn PTMatic Limited li a sua volta ghadha ma thallsitx mill-klijent ahhari taghha. Il-konvenut jistrih fuq il-klawsola tal-ftehim milhuq ma' PTMatic LImited li tittratta dwar il-modalità tal-hlasijiet fosthom: *Down Payment - procurement and hire of equipment €1,600; Initial Payment - prior to departure for Libya - €6,000; Second Payment following receipt of payments from Mellitah on presentation of Environmental Baseline Measurements Results 45% of total fee (less value of initial payment) - €29,438; Final Payment following receipt of payments from Mellitah on completion of all the EIA reports - €43,312*[35] u anke fuq il-konferma ta' Derek Broadley ghas-socjetà PTMatic Limited li l-konvenut Dr. George Peplow u Dr. Alan Deidun kellhom jithallsu minghandha appena hi tircievi il-pagament minghand il-klijent taghha gewwa l-Libja.

Minkejja dak provdut fil-ftehim bejn is-socjetà PTMatic Limited u l-konvenut Dr. George Peplow u Dr. Alan Deidun, huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li meta jkun hemm subappalt jew xoghlijiet/inkarigi partikolari jigu subkuntrattati: *ftehim bhal dan, in kwantu kontraddistint minn cessjoni pura, jiggenera rapport obbligatoru bejn is-sub-appaltant u s-sub-appaltatur li fih il-kommittenti huwa estraneju. Dan, avolja, il-kommittent jkun akkonsentixxa ghal dak is-sub-appalt. ... l'assenso del committente al sub-appalto va inteso come mera autorizzazzione ... e non gia a costituire un nuovo e diverso rapporto tra committente e subappaltatore. Ne consegue che nonostante l'autorizzazzione, il subappalto resta un rapporto obbligatorio che intercorre tra appaltatore e subappaltatore, al quale il committente è estraneo, non acquistando diritti ne assumendo obblighi verso il subappaltatore*[36].

Minn dan jikkonsegwi ghalhekk li kien x'kien il-ftehim bejn il-klijent gewwa l-Libja u s-socjetà PCMatic Limited u din is-socjetà u l-konvenut Dr. George Peplow u Dr. Alan Deidun, ma jfissirx li, salv prova kuntrarja, il-konvenut u l-attur kienu ftehmu fl-istess parametri u a bazi ta' l-istess kondizzjonijiet. Ghalkemm fil-kors ta' dawn il-proceduri xehedu kemm Dr. Alan Deidun kif ukoll Derek Broadley, entrambe ma kienux kapaci jghidu x'tip ta' ftehim kien hemm dwar hlasijiet, jekk kien hemm, bejn il-konvenut Dr. George Peplow u l-attur u l-istess konvenut ma ressaq ebda prova ohra konvincenti li ma' l-attur kien ftiehem li huwa jithallas biss meta effettivament PTMatic Limited thallas lill-istess konvenut u lil Dr. Alan Deidun. B'hekk ladarba l-pretensjoni tal-konvenut Dr. George Peplow hija bbazata principalment fuq il-kondizzjoni dwar il-modalità tal-hlas li huwa ftiehem mas-socjetà PTMatic Limited, kondizzjoni din estraneja ghall-attur, jsegwi li fid-dawl tal-principju guridiku appena citat, l-attur ghandu dritt jithallas ghall-inkarigu minnu esegwit gewwa l-Libja, ossia ghandu dritt jithallas is-somma ta' €4,250.

---

35 Fol. 45 tal-process.

36 William Bugeja v. Stephen Carter, Appell Civili Nru. 257/08 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru 2010.

Mill-atti processwali jirrizulta wkoll li hemm xi kwistjonijiet dwar it-talba ghall-gbir tal-VAT minghand il-konvenuti da parte ta' l-attur. Mix-xhieda ta' l-attur jirrizulta li huwa rregistrat mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, xhieda din li ma giet bl-ebda mod sodisfacentement kontradetta mill-konvenuti. Essendo hekk irrigestrat mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, l-attur ghandu obbligu li jibgor it-taxxa fuq il-valur mizjud relattiv, u ghaldaqstant it-talba tieghu in kwantu tinkludi wkoll il-gbir tat-taxxa fuq il-valur mizjud ukoll tirrizulta gustifikata u bhala tali ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' tiddeciedi billi:

- Filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut fis-sens li ma huwiex ir-rapprezentant giudizzjarju tas-socjetà CE.FI.T Malta Limited u ghlahekk huwa ma jistax jidher f'isem l-imsemmija socjetà f'dawn il-proceduri;
- Tichad l-eccezzjoni tal-konvenut Dr. George Peplow dwar in-nullità tal-proceduri odjerni in kwantu l-kawza giet pprezentata permezz ta' Avviz minflok b'Rikors kif mehtieg mill-Artikolu 125(2) Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, u minflok tiddikjara li l-proceduri odjerni huma validi ai termini tal-Ligi;
- Tichad l-eccezzjonijiet ta' entrambe l-konvenuti li ma ghandhom jaghtu xejn lill-attur;
- Tichad l-eccezzjoni tas-socjetà konvenuta CE.FI.T Malta Limited li t-talba attrici hija ezagerata;
- B'hekk tilqa' t-talba attrici kif dedotta fil-konfront tas-socjetà CE.FI.T Malta Limited u tikkundannaha thallas lill-attur is-somma ta' €513.30, bl-imghax legali dekoribbli mill-24 ta' Novembru 2010, id-data tal-prezentata tar-Risposta tas-socjetà konvenuta, sad-data ta' l-effettiv pagament;
- Izda tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut Dr. George Peplow li t-talba attrici hija ezagerata; u
- Konsegwentement tilqa' t-talba attrici kif dedotta fil-konfront tieghu limitatament ghall-ammont ta' €5,937.80; u
- Tikkundanna lill-konvenut Dr. George Peplow ihallas lill-attur is-somma ta' €5,937.80, bl-imghax dekoribbli mit-12 ta' Marzu 2010, id-data tan-notifika tar-Rikors promotur lill-konvenut Dr. George Peplow, sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti in kwantu ghal 4/5 mill-konvenut Dr. George Peplow u 1/5 mis-socjetà konvenuta CE.FI.T Malta Limited.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**